# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 20 ta' Gunju, 2001**

**Numru 8**

**Citaz. numru: 1700/98 M4 NA**

**RoseMarie Magri**

**vs**

**Joseph Magri**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Mejju 2001 fejn titlob lill-Qorti tigi awtorizzata tiffirma wahedha "*l-applikazzjoni sabiex iz-zewg minuri jitnizzlu fuq il-Passaport ta' ommhom minghajr il-htiega tal-firma ta' missierhom*". Ir-riferenza hija ghall-minuri Gratia li qed tbati b'"Acute Myeloid Leukaemia" u ghall-minuri l-ohra Chantelle sew peress li dina tista' tkun id-*donor* ghal *bone marrow transplant* li jista' jkollha

bzonn ohtha, sew biex, minn zmien ghal zmien, tkun tista' tmur l-Ingilterra biex tqatta' xi hin ma' l-istess ohtha.

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta tal-konvenut fit-13 ta' Gunju 2000 wara li din il-Qorti kienet appuntat dan ir-rikors biex jinstema' b'urgenza fis-seduta tat-12 ta' Gunju 2001 fejn kien hemm gia' appuntat rikors iehor ta' l-attrici a bazi ta' l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex din il-Qorti tirrevoka Mandat ta' Inibizzjoni li kien inhareg kontra taghha fil-konfront tal-minuri Gratia. Fir-risposta tieghu l-konvenut ma joggezzjonax la li jinhareg passaport ghall-minuri Gratia u lanqas ghal Chantelle jekk hija "*jkollha bzonn taghti l-mudullun lill-ohthta*", izda jekk dan mhux il-kaz huwa oggezzjona li jinhareg passaport f'isem Chantelle jew li titqieghed fuq il-passaport ta' ommha. Di piu' jaghmel diversi osservazzjonijiet, uhud minnhom gustifikati, fir-rigward ta' l-access li huwa ghandu ghall-minuri li jilmenta li ma huwiex qed jigi osservat. Ta' min ighid illi l-access tal-missier ghall-minuri in kwistjoni huwa ezercitat taht supervizjoni u huwa regolat fl-ewwel lok b'digriet tas-Sekond'Awla tal-14 ta' Lulju 1998 li prattikament gie kkonfermat b'digriet iehor ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-26 ta' Lulju 2000 wara li l-

kwistjoni kollha ta' l-access tal-missier kienet giet dettaljatament ezaminata.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-Qorti wkoll sejra taghmel xi ordnijiet fir-rigward ta' l-access ghall-minuri minkejja illi dawn strettament ma jinkwadrawx irwiehhom fil-parametri tat-talbiet odjerni. Dan pero' huwa necessarju sew minhabba dak finalment ivverbalizzat fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2001 fejn il-Qorti wkoll regghet semghet ir-rikors b'urgenza sew fl-interess suprem tal-minuri liema interess jippermetti lill-Qorti taghti dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha necessarji ghal dan il-ghan.

Ikkunsidrat:-

Illi fl-ewwel lok il-kwistjoni medika tal-minuri Gratia hija kkonfermatha bic-certifikat Dokument "VC" a fol. 2 tal-process u bix-xhieda li giet moghtija mis-Social Worker Marylin Savona fis-seduta tat-13 ta' Gunju 2001. Il-bzonn li t-tifla Chantelle Magri ssiefer ma' ohtha huwa wkoll ikkonfermat minn din ix-xhieda u minn certifikat mediku iehor tat-12 ta'

Gunju 2001 ipprezentat fl-udjenza tat-13 ta' Gunju 2001 (fol. 23).

Ikkunsidrat:-

Illi c-cirkostanzi kollha fuq imsemmija kif ukoll l-informazzjoni li l-Qorti hadet mill-partijiet u mid-difensuri taghhom fiz-zewg udjenzi fuq imsemmija jwasslu lill-Qorti biex:

1. Tawtorizza li jinhareg passaport sew ghall-minuri Gratia sew ghall-minuri Chantelle u dana, f'dan l-istadju, limitatament ghall-perjodu ta' sitt xhur.  L-omm hija awtorizzata li tiffirma dak kollu necessarju biex ikunu jistghu jinhargu l-passaporti f'isem iz-zewg minuri ghaz-zmien fuq indikat minghajr il-bzonn ta' l-intervent tal-missier;

2. Fiz-zmien meta r-rikorrenti tkun imsiefra mal-minuri Gratia, il-kura tal-minuri Chantelle hija fdata alternattivament f'idejn hut ir-rikorrenti u cioe' Tessie Spiteri u Tony Montebello;

3. F'kaz li tigi biex issiefer il-minuri Chantelle hija ghandha tkun akkompanjata fil-vjagg minn xi wiehed jew wahda minn hut l-attrici u mhux minn nanniet materni. Dan nonostante l-Qorti tawtorizza dan is-safar anke f'kaz illi ma jkunx hemm bzonn illi hija taghti l-mudullun lill-ohtha izda tkun trid biss tmur taraha u tkun hdejha;

4. Fiz-zmien meta l-minuri Chantelle tkun Malta l-access tal-missier ghandu jkompli kif imfisser fid-digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-26 ta' Lulju 2000 fuq citat;

5. Il-Qorti trid ukoll illi l-missier ikollu access ghall-minuri Gratia wkoll preferibbilment darbtejn fil-gimgha. Ma jidhirx pero' li minhabba l-istat mediku tal-minuri u l-esigenzi ta' l-Isptar li hija tista' tiffissa hinijiet u modalitajiet oltre milli thalli dan f'idejn l-Awtoritajiet ta' l-Isptar hlief li tordna illi fil-hin ta' dan l-access il-missier ikun akkompanjat minn xi hadd mill-Personnel tal-Ward jew mis-Social Worker Savona;

6. L-istess Social Worker Savona ghandha tiehu hsieb li zzomm il-missier infurmat dwar l-andament tal-kura medika li qed tinghata lill-minuri Gratia;

7. Il-Qorti tordna di piu' li ghandu jigi kkomunikat kopja ta' dan id-digriet lill-Ufficjal Anzjan fid-Dipartiment tal-Passaporti, lill-Kummissarju tal-Pulizija, lis-Superintendent ta' l-Isptar u lid-Direttur tac-Centru Hidma Socjali.

L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.